

Brussell, 15 ta' April 2026
(OR. en)

7819/1/26
REV 1

ENV 296
MI 304
ENT 61
IND 221
CONSOM 104
COMPET 386
DELECT 59

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-25.2.2026 li tissupplimenta r-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi teżenta lil ċerti operatori ekonomiċi li jużaw it-tgeżwir u ċ-ċineg tal-palits mir-reqwiżiti ta' użu mill-ġdid ta' 100 % ta' dawn il-formati ta' imballaġġ - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat¹ imsemmi hawn fuq f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari l-Artikolu 29(18)(a) tar-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE².
2. Il-Kummissjoni nnotifikat din id-Deċiżjoni Delegata fil-25 ta' Frar 2026, u għaldaqstant, il-Kunsill jista' joġġezzjona għaliha sas-27 ta' April 2026.

¹ ST 6986/26.

² ĠU L 2025/40, 22.1.2025.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) eżamina l-att delegat fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Marzu 2026. Id-diskussjonijiet fil-laqgħa tad-WPE wrew li ma kien hemm l-ebda maġġoranza kwalifikata msaħħa favur l-oġġezzjoni għad-Deċiżjoni Delegata³.
4. Wara li jagħlaq il-perjodu ta' xahrejn għall-oġġezzjoni, u dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għaliha, id-Deċiżjoni Delegata ser tiġi nnotifikata lill-Istati Membri mill-Kummissjoni u tidħol fis-seħħ meta ssir it-tali notifika.
5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-intenzjoni tiegħu li ma jqajjimx oġġezzjoni għall-att delegat, u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan.

³ BG, CZ u IT qajmu oġġezzjoni għad-Deċiżjoni Delegata.